MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Talba Numru. 3/2010

Walter Mompalao

Vs

Multivend Services Ltd.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-29 ta' Jannar 2010, li jghid hekk :-

'Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin Ewro (€665) dovuti in kwantu ghal hames mija u sebgha u erbghin Ewro (€547) flus kontanti li kien hemm fil-*vending machine* li kienet fil-pussess ta' l-attur, u li s-socjeta' konvenuta permezz ta' l-impjegati taghha hadu minghajr il-kunsens tal-istess attur u in kwantu ghal sebghin Ewro (€70) li kienu gol gettuniera ta' l-istess magna li taghti l-bqija u kwantu ghal sebgha u erbghin Ewro u tletin centezmu (€47.30) li huwa

l-valur tal-materjal u cioe' kafe', zokkor, lumi, u hot chocolate, liema ammont is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas fl-intier tieghu minkejja li giet interpellata diversi drabi izda inutilment.

Illum huma dovuti mis-socjeta' konvenuta ukoll l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv dekorribbli minn Ottubru 2004, kif ukoll l-ispejjez ta' l-ittri ufficjali numri 2857/05 ta' Marzu 2005, ittra ohra ta' Gunju 2006, kif ukoll ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A f'April 2007.

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.'

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fid-9 ta' Frar 2010, la pprezentat risposta u lanqas ma deher hadd ghaliha biex jikkontesta t-talba attrici ;

Fl-udjenza tal-25 ta' Marzu 2010, sama' lil attur bil-gurament li spjega fid-dettal r-ragunijiet in sostenn tat-talba tieghu u l-arrangament li kellu mas-socjeta' konvenuta dwar l-ispartizzjoni tal-profitti mill-bejgh tal-kafe', te', u *hot chocolate* li kien isir mill-*vending machine* li kienet giet supplita mis-socjeta' konvenuta fuq il-post tax-xoghol fejn dak iz-zmien kien jahdem l-attur ;

Fl-istess udjenza tal-25 ta' Marzu 2010, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, u fl-udjenza tat-30 ta' Marzu 2010, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tas-socjeta' konvenuta jew ta' rapprezentant taghha wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqghet ma deheritx, il-kapitoli gew miftuha u approvati ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti ;

Ikkunsidra :-

Illi l-ammont li l-attur qed jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallsu ta' sitt mija u hamsa u sittin Euro (€665) huwa tal-flus kollha li kien hemm fil-*vending machine*, u cioe' kemm ta' flus li gew imhallsa ghas-

servizz ta' min ghamel uzu minn din il-*vending machine* u kemm il-flus li l-attur kien pogga fil-gettuniera sabiex iservu bhala bqija. L-ammont ta' €47.30 huwa hlas li l-attur qed jitlob tal-ispejjez li ghamel biex xtara l-kafe', zokkor, lumi, halib, u *hot choclate*. Skond l-attur il-ftehim mas-socjeta' konvenuta kien li mill-prezz ta' kull tazza kafe', te' jew hot choclate, il-flus jigu spartiti in kwantu ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) l-attur u hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) s-socjeta' konvenuta. L-attur qed jippretendi li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu l-ammont kollu tal-flus mitfugha fil-*vending machine* ghal kull servizz ta' kafe', te', jew *hot choclate* li kien gie mixtri minn gol-magna, u dan skond ir-*reading* li l-attur kien ha qabel ma siefer. Jirrizulta mill-avviz tat-talba u kif konfermat mill-attur fix-xhieda tieghu li l-ammont ta' €547 kienu l-flus kontanti li kien hemm fil-*vending machine*. Minn dan l-ammont ghalhekk iridu jitnhaqqsu hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) billi skond il-ftehim bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, s-sehem li l-attur kien imissu minn dawn il-flus kien ta' hamsa u sebghin fil-mja (75%) ;

L-attur bil-kapitoli tieghu ried jipprova li l-ammont kollu minnu mitlub minghand is-socjeta' konvenuta huwa dovut. Rigward il-valur probatorju tal-kapitoli dan it-Tribunal mhuwiex obbligat li joqghod dejjem u inalterabbilment fuq il-konfessjoni prezunta. Inghad li 'huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja tieghu, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dan ma jfissrix li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawn il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra' (Prim'Awla , **Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**, 28/06/1952). Inghad ukoll illi l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u ghalhekk xorta l-attur irid jipprova l-pretensjoni minnhu vantanta sabiex tirnexxi l-azzjoni tieghu. 'L-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament

tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci - fis-sens pjen tal-kelma' ....... 'u l-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba ta' l-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.' [Appell Inferjuri, **Fenici Insurance Agency Ltd. vs Paul Stoner et**, 22/11/2002; Qorti Tal-Appell, **Joseph Vella vs Pierre Cremona**, 10/10/2003] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha u ma jarax li t-talba tal-attur li jiehu l-flus kollha li kien hemm fil-*vending machine* hija gustifikata. Dwar it-talba tal-attur ghall-flus l-ohra kemm dawk li kien hemm fil-gettuniera u li kien qieghedhom hemm hu biex iservu bhala bqija, kif ukoll ghall-spejjez li ghamel f'xiri ta' kafe', te', halib, lumi, u *hot choclate* jirrizulta li din hija gustifikata ;

Ghaldaqstant  it-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha limitatament pero' ghall-amont ta' hames mija u seba' u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centesimi (€527.55) ghar-ragunijiet hawn fuq spejgati ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament pero' ghall-ammont ta' hames mija u seba' u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centesimi (€527.55), u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta  sabiex thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u seba' u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centesimi (€527.55), ammont dovut ghar-ragunijiet spjegati fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali millum sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------